Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2459

Kaz Numru 2566/MF
Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Stephen Chircop

U

Edrichton Holidays Limited
(C 3111)
Dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta

Illum 6 ta' ~~Jannar~~ Frar 2017

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 18 ta' Frar 2008 mill-Avukat Dr. Zammit Mckeon li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Stephen Chircop fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Stephen Chircop maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Zammit Mclkeon u ghall-Kumpanija Edrichton Holidays Limited deher Dr. Andrew Borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien dahal jahdem mal-kumpanija fis-sena 2002 u xogholu gie terminat fis-sena 2007 minhabba raguni ta' sensja. Illi din l-allegazzjoni mhiex minnha u talab diversi affarijiet fosthom kumpens xieraq.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li gie icenzjat minhabba redundancy.

**PROVI**

Xehed Louis Tabone li huwa l-managing director ta' Edrichton Holidays Limited fejn xehed quddiem it-Tribunal Industrijali li kienu jithallsu minn My Travel. Qal ukoll li meta tkeccew kellhom bzonn courier malajr, offrielhom il-job u ma accetwex. Ammetta li l-pagi kienu jithallasu mis-socjeta appellenati kif ukoll il-bolol. Jikkonferma li offra xoghol temporanju lill-terza persuna ghax kellu bzonn perjodu qasir is-servizzi ta' courier u l-ex impjegati ma eccattawx. Qal ukoll li kellhom kuntratt definit.

Xehedet Mary Bugeja fejn qalet li kienet tahdem ma Edrichton Holidays Limited ghax il-paga kienet tohrog minn hemm. Kien spiccala l-kuntratt tax-xoghol u kellha titlaq.

Xehed Stephen Chircop fejn qal li kien imjegat minn Gunju 2009 u l-paga kient tohrog minn Edrichton Holidays Limited. Kien mar ikellem lill-Louis Tabone fejn qallu li ma hemmx aktar xoghol iffirmalu t-termination frm tal-ETC. Qal li certu Peter Attard beda jahdem ma Edrichton Holidays wara li intemm ix-xoghol tieghu u qal li kien jaghmel l-istess xoghol.

Xehedet Jennifer Debono li hija senior ecexutive ma ETC fen ipprezentat il-formoli u l-eployment history tal-appellant.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li jinnota illi fil-lista tal-impjegati ta' Edrichton Holidays Limited dahal impjegat wiehed gdid fis-sena 17/11/2007 u sakemm giet ipprezentat din il-lista kien ghadu jahdem hemm. Dan sar prima facie bi ksur tal-Ligi ghax il-principal kellu jhalli l-post tax-xoghol vakanti ghal zmien sena. Huwa minnu lil-principal qal li offra ix-xoghol lill-haddiema precedenti bil-fomm u qalulu li kienu qedghin fuq xoghol iehor pero ma hemmx l-ickenn prova ta' dan miz-zewg nahat. Li huwa zgur li l-haddiem il-gdid dahal jahdem u dahhal wiehed biss u mhux tlieta jigifieri ix-xoghol veru naqas. It-Tribunal irid jara jekk verament gie

offrut lura x-xoghol lill-ex haddiema. It-Tribunal huwa konvint li l-principal offra xoghol lill-ex haddiema u dan ghamlu bil-fomm. Ghalhekk l-principal zamm mal-ligi u ma kienx hemm ebda ksur.

It-Tribunal jikkonkludi li ma kienx hem mbizzejjed provi li juri li l-principal kiser xi disposizzjoni tal-Ligi.

It-Tribunal mhuwex konvint illi kien hemm kaz ta' tkeccija ingusta. Il-fatti kif gew esposti jigifieri dawk hawn fuq imsmmija jaghti lok illi din il-kumpanija kecciet lill-Stephen Chircop b'raguni tajba u skond il-Ligi. B'hekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi it-Tribunal ihoss li ma hemmx kaz ta' tkeccija ingusta.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Stephen Chircop ma rnexxielux jipprova li kien sofra xi tkeccija ingusta.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju